# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 27 ta'Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**vs**
**Fabrizio Salerno**
**Carmel Salerno**

**Kumpilazzjoni Nru: 1033/2014**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

**Fabrizio Salerno** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 56491(M); u

**Carmel Salerno** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 81566(M).

Akkuzati talli:-

1. Nhar il-10 ta' Awwissu 2014 bejn il-16:00hrs u 18:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun hebbew ghal Darren Zammit u ikkagunawlu offizi ta' natura gravi kif iccertifikat minn Dr. Charlton Agius MD mill-isptar Mater Dei Med No. 5487;

2. U akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, hebbew ghal Wayne Falzon u ikkagunawlu offizi ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dr. Andrew Bernard MD mill-isptar Mater Dei Med No. 5496;

3. U akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, hebbew ghal Ian Zammit u kkagunawlu offizi ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dr. Clive Gauci MD mill-isptar Mater Dei Med No. 3485;

4. U akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew jekk ipprovokaw, ingurjaw lil Wayne Falzon, Ian Zammit u Darren Zammit b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni (Kap 9 Art 339 (1));

5. U akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kisru l-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju;

**Lil Carmel Salerno biss:**

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' tentattiv ta' ferita gravi fuq Ian Zammit u Darren Zammit, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni w indipendenti mill-volonta' tieghu;

7. U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta, mus, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunisdraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom u c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident u l-involviment ta' kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Carmelo Salerno** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fil-waqt li ghas-seba' imputazzjoni (cioe dik bi ksur tal-Kapitolu 480) tikkundannah multa ta' mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116,47) ghall-imputazzjonijiet l-ohra tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed tissospendih minn kull licenzja ai termini ta'l-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames (5) snin; u

Wara li rat l-artikoli 214, 216, 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Fabrizio Salerno** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**